MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 3/2000/1

Korporazzjoni Enemalta

Vs

Michael Grima, Victor Hili u Road Construction Ltd

**Kawza dwar talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni wara li ggarraf parti minn hajt li fuqu kien ghaddej cable tad-dawl. Responsabbilta' personali ta' direttur tal-kumpannija konvenuta u negligenza kontributorja min-naha tal-Korporazzjoni attrici.**

Il-Qorti,

Rat li din il-kawza[1] titratta talba ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni li l-Korporazzjoni attrici qeghda tghid li sofriet meta inqata' cable tad-dawl proprjeta' taghha li kien

[1] Prezentata fis-7 ta' Jannar 2000.

ghaddej minn fuq hajt li ggarraf. Il-Korporazzjoni attrici qeghda tibbaza l-kawza taghha fuq il-premessi li l-htija hija tal-konvenuti peress li l-hajt intlaqat b'gaffa mill-konvenut Michael Grima waqt li dan kien qieghed isuq gaffa gewwa l-impjant tas-socjeta konvenuta, u l-konvenuti kienu jafu li l-hajt kien jinstab fi stat perikolanti u naqsu milli jiehdu prekawzjonijiet sabiex issir tiswija tieghu.

Min-naha taghhom il-konvenuti eccepew li:-

1. L-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Hadd mill-konvenuti ma kien responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-Korporazzjoni.

3. Hadd mill-konvenuti ma waqqa' xi hajt.

4. Jekk il-Korporazzjoni attrici sofriet xi danni dawn huma konsegwenza tan-negligenza ta' l-istess korporazzjoni jew impjegati taghha li poggew cable mhux skond ir-regolamenti.

5. Id-danni huma esagerati.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenuti fl-10 ta' April 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Marzu 2007 fejn jinghad li l-kawza giet differita ghal lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' din il-kawza l-Korporazzjoni Enemalta talbet originarjament[2] il-hlas tas-somma ta' elf mitejn u sebgha u sittin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm1,267.46) hlas ta' danni li tghid li sofriet f'cable li kien ghaddej minn fuq il-wicc ta' hajt ta' impjant

2 Saret riduzzjoni fil-mori.

tat-tarmac li kien jaghti ghal fuq Triq iz-Zebbug, Victoria, Ghawdex.

2. Minn qari tac-citazzjoni jidher bl-iktar mod car li l-Korporazzjoni attrici qeghda tippretendi li l-konvenuti huma responsabbli ghall-hsara li saret fuq il-cable tad-dawl li kien ghaddej minn fuq hajt li jifred it-triq mill-plant tas-socjeta konvenuta Road Construction Ltd, fuq il-bazi li:-

(a) Il-konvenut Michael Grima waqt li kien qieghed isuq gaffa laqghat hajt tal-impjant li jaghti fuq triq iz-Zebbug, Victoria, Ghawdex li ggarraf; u
(b) Il-hajt kien fi stat perikolanti u l-konvenuti naqsu milli jiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex isewwuh.

3. L-ewwel eccezzjoni li giet sollevata mill-konvenuti hija l-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili li jipprovdi li azzjonijiet ghall-hsarat mhux kagunati b’reat jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn.

4. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mill-Korporazzjoni attrici dwar l-ewwel eccezzjoni, din argumentat li l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili ma kienx japplika u nvokat l-Artikolu 2154[3]. Mill-atti jirrizulta li permezz ta’ provvediment moghti fis-7 ta’ Dicembru 2001 il-Qorti ma kienitx iddecidiet din l-eccezzjoni in kwantu riedet tisma’ l-provi fil-meritu. Pero’ f’dan il-provvediment il-Qorti osservat li l-bazi tal-azzjoni tal-Korporazzjoni attrici kienet ghar-rizarciment ta’ danni li gew kagunati minn reat (fol. 37).

5. Il-fatt li jirrizulta li kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenuti Michael Grima u Victor Hili u minnhom

[3] *Artikolu 2154(1) Dwar il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b’reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni kriminali.*

gew liberati permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali fil-5 ta' Novembru 1997[4], ma jfisser xejn b'daqshekk. Huwa maghruf li l-azzjoni civili hija indipendenti minn dik kriminali.

6. Min-naha taghha l-Korporazzjoni attrici ssostni li f'dan il-kaz l-agir imputat lill-konvenuti jikkostitwixxi reat a tenur ta' l-Artikolu 326(1)(c) u l-Artikolu 328 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9)[5].

7. Ghal dak li hija preskrizzjoni wiehed irid ta' bilfors ihares *"ghat-termini tac-citazzjoni kif formulata mill-attur. Din hi regola generali applikabbli f'kull kaz ghall-ezami ta' kull eccezzjoni ta' preskrizzjoni"*[6]. Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Martin Gaffarena vs Joseph Psaila et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-2 ta' Frar 1995, li wkoll kienet tittratta eccezzjoni dwar preskrizzjoni, il-Qorti osservat:- ***"wiehed irid ihares lejn dak li jippretendi l-attur fl-att ta' citazzjoni biex wiehed jistabilixxi fuq liema tip ta' obbligazzjoni qed jimposta l-azzjoni minnu proposta"***.

8. Il-Qorti ttendi sabiex taqbel li r-ragunijiet li fuqha l-Korporazzjoni attrici qeghda tibbaza l-azzjoni taghha, jekk pruvati jikkostitwixxu reat zgur ghal dak li jikkoncerna l-konvenuti Michael Grima u Victor Hili. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-Artikou 2153 m'huwiex applikabbli. Il-konvenuti korrettement osservaw fin-nota responsiva taghhom[7] li *"anki li kieku t-terminu ta' preskrizzjoni pprvodut f'Artikolu 2153 ma japplikax ghall-kawza odjerna, izda jezisti terminu ta' preskrizzjoni iehor li permezz tieghu tista' tigi kkontestata l-azzjoni ta' l-attrici, dan it-terminu ta' preskrizzjoni jista' jigi mqajjem mill-esponenti fi*

[4] Fol. 18.
[5] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-korporazzjoni attrici (fol. 21 u 22).
[6] Ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Albert Victor Mallia noe vs Dottor Emilio Parma et noe** deciza fid-9 ta' Dicembru 1968.
[7] Fol. 27-29.

*kwalunkwe stadju ta' dawn il-proceduri"*. Madankollu, mill-atti processwali ma jirrizultax li l-konvenuti nvokaw xi provvediment iehor u huwa maghruf li l-Qorti ma tistax *ex officio* tissolleva eccezzjoni ta' preskrizzjoni[8].

9. Ghalhekk fir-rigward tal-konvenuti Victor Hili Michael Grima l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ser tigi michuda. Mhux l-istess jinghad fir-rigward tal-kumpannija Road Construction Limited. Din hija kumpannija u bhala tali qatt ma tista' tinstab hatja tar-reati kontemplati fl-Artikoli 326 u 328 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9). Minn qari tac-citazzjoni jidher bic-car li l-Korporazzjoni attrici bbazat il-kawza taghha fil-konfront tal-kumpannija fuq il-fatt li ghalkemm kienet taf ***"bl-istat perikolanti tal-hajt imsemmi, naqsu illi jiehdu l-prekawzjonijiet u l-passi necessarji illi jirrangaw l-istess hajt"***. Il-kawzali fil-konfront ta' din il-kumpannija hija t-traskuragni min-naha tal-kumpannija konvenuta u Victor Hili ghaliex filwaqt li kienu jafu li l-hajt kien jinsab fi stat perikoluz ma hadu azzjoni biex jirrimedjaw ghan-nuqqasijiet li kellu dan il-hajt. Din tammonta ghal imputazzjoni ta' hsara involontarja kagunata minhabba traskuragni u negligenza. Fejn ipprovat kaz simili jikkostitwixxi reat, ghalhekk ghal finijiet ta' preskrizzjoni f'kawza civili ghall-hlas ta' danni japplikaw ir-regoli li nsibu fil-Kodici Kriminali ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali. Il-kumpannija konvenuta m'hijiex legalment kapaci li tikkommetti dan ir-reat (ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Albert Victor Mallia noe vs Dottor Emilio Parma et noe**). F'din l-istess sentenza li wkoll kienet tittratta eccezzjoni tal-preskrizzjoni fejn l-attur nomine kien qieghed isostni li kellu japplika l-Artikolu 2154 tal-Kap. 16 fil-konfront tal-konvenuta li kienet kumpannija, il-Qorti osservat:- *"….kwindi l-azzjoni kif esperita kontra taghha ma tistax tkun ta' danni kawzati b'dak ir-reat, u l-artikolu 2259(1)*

---

[8] *"Jekk imbaghad il-konvenut ikun qajjem din l-eccezzjoni ta' sentejn biss il-Qorti ma tistax tapplika preskrizzjoni ohra ex officio. Ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni biex il-Qorti tikkunsidraha, jehtieg lit kun specifikata mill-eccipjent. Mhux bizzejjed li l-eccipjent jghid li jaghti eccezzjoni a' kwalunkwe preskrizzjoni ohra skond il-ligi, ghaliex xort'ohra il-Qorti tkun qed tissupplixxi ghall-parti eccipjenti, materja odjuza, li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva u fl-assenza ta' indikazzjoni cara w specifika ta' preskrizzjoni orha, l-eccezzjoni alternattiva ta' preskrizzjoni moghtija mill-eccipjent ma hijiex attendibbli"* (Vol. XL.i.166).

*(illum 2154) u d-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali dwar omicidju involontarju u l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali m'huwiex applikabbli fil-kaz prezenti……… F'dan id-dawl jekk da parti tas-socjeta' appellata seta' kien hemm xi responsabbilta' ghad-danni din setghet tkun biss responsabbilta' civili naxxenti minn kawza li m'hix reat".* Il-Qorti *obiter* rat il-possibilita' li ***"jista' ma jidhirx illogiku li wkoll ikun hemm zmienijiet diversi ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni civili ghad-danni kkagunati bir-reat bejn persuni li wahda minnhom ex hypothesi ikkommettiet ir-reat u hi kriminalment responsabbli ghalih u ohra li ghar-reat ma hix bl-ebda mod responsabbli u hi biss civilment fir-rigward tieghu responsabbli ghad-danni"***. Ghalhekk fejn il-konvenuta hija kumpannija, il-Qorti tifhem li l-azzjoni simili in kwantu diretta fil-konfront taghha ma tkunx milquta mill-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili imma semmai mill-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Mill-atti jirrizulta li fid-data li giet prezentata l-kawza, cjoe' 7 ta' Jannar 2000, kienu ghaddew iktar minn sentejn mill-akkadut (15 ta' Mejju 1996). Mill-provi lanqas ma rrizulta li kien hemm xi interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Ghalhekk in kwantu diretta fil-konfront tas-socjeta konvenuta, il-Qorti hija tal-fehma li l-azzjoni hija preskritta ghat-tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u taqbel mal-argumenti li saru fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti (ara fol. 101).

10. Fil-meritu, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-konvenut Michael Grima ma kellu l-ebda responsabbilta' ghal dan l-incident u l-argumenti li saru fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti (ara fol. 101-102) huma kollha validi. Irrizulta li Michael Grima kien impjegat u fil-hin ta' l-incident kien qieghed sempliciment isuq gaffa u jigbor xi zrar biex jitfghu fil-magna li fih jinhadem l-asfalt. M'hemm l-ebda prova li huwa laqat il-hajt bil-gaffa u li bid-daqqa l-hajt iggarraf. Anzi Pierre Cauchi, ufficjal tal-Korporazzjoni, spjega li *"mistoqsi jekk nafx il-kawza li biha l-hajt twaqqa' nghid li ma nafhiex"*[9]. L-oneru tal-prova kien

[9] Seduta tad-29 ta' Novembru 2002 (fol. 41).

jinkombi fuq il-Korporazzjoni attrici li ma rnexxielhiex taghti prova ta' dan il-fatt. Ghalhekk it-talbiet tal-Korporazzjoni attrici fil-konfront tal-konvenut Michael Grima ser jigu michuda.

11. Skond l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"*. Victor Hili kkonferma li huwa direttur tal-kumpannija konvenuta Road Construction Limited. Bhala tali huwa amministratur tal-kumpannija. Il-Qorti fehemet ukoll li l-konvenut Hili huwa direttament involut bis-shih fil-gestjoni tan-negozju. Il-principju generali huwa li fejn si tratta ta' danni kagunati minn kumpannija, *"il-kundanna ghandha ssir kontra l-entita' legali u mhux il-persuna fizika, sakemm ma jigix ippruvat li dik il-persuna fizika wkoll kienet direttament involuta fil-materja li twassal ghar-responsabbilta'"*[10]. Mill-provi:-

(a) Irrizulta bla dubju li l-hajt li ggarraf kien fi stat ta' manutenzjoni hazina (ara per ezempju xhieda moghtija minn Michael Grima fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2007. Hekk ukoll Victor Hili xehed:- ***"l-istat tal-hajt kien jidher minn kullhadd li huwa mikul bil-melh u se jaqa' jigifieri"***[11]).

(b) Irrizulta li fiz-zmien li sehh l-incident l-impjant kien tas-socjeta konvenuta Road Construction Ltd.

(c) Il-cable twahhal fuq il-hajt xi hames (5) snin qabel l-incident[12], igifieri circa 1991. Min-naha tieghu l-konvenut Victor Hili ma kienx f'posizzjoni li jghid meta twahhal dan il-cable. Min-naha tas-socjeta konvenuta din ghamlet il-ftehim ghall-akkwist tal-impjant fit-18 ta' Awwissu 1994[13] u mill-provi jirrizulta li l-hajt kien diga' fi stat perikoluz.

(d) Il-konvenut Michael Grima kien mill-ewwel induna li l-hajt in kwistjoni kien fi stat perikoluz u hu stess xehed (seduta tat-2 ta' Marzu 2007) li kemm-il darba kien

[10] Ara sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Reno Pace et vs Aolexander Atard proprio et nomine** deciza fl-14 ta' Lulju 1995.
[11] Fol. 78.
[12] Xhieda moghtija minn Pierre Cauchi fis-seduta tal-1 ta' Ottubru 2004 (fol. 68).
[13] Fol. 78.

attira l-attenzjoni tal-principali tieghu (isemmi lil Victor Hili) izda dan kien ighidlu li ghadhom jistennew il-permess tal-MEPA.

12. Mehud in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha, il-Qorti hija tal-fehma li d-direttur tal-kumpannija ma jistax jahrab mir-responsabbilta'. Hemm certu sitwazzjonijiet fejn direttur ikun responsabbli personalment[14]. Mill-provi rrizulta kif l-impjegat Michael Grima kien f'iktar minn okkazzjoni wahda qal lil Victor Hili dwar il-hajt. Dan kien iwiegbu li ghadhom jistennew sabiex johrog mil-permess ta' zvilupp. Il-Qorti m'hijiex konvinta li x-xoghol ta' riparazzjoni fuq il-hajt ma sarx ghaliex kien ghadu ma harigx permess ta' zvilupp mill-MEPA. Bhala prova ma giet prezentata l-ebda applikazzjoni u l-uniku permess li gie pprezentat mill-konvenuti huwa dwar l-uzu tal-proprjeta[15]. Certament li l-ahjar prova kienet tkun applikazzjoni ghall-hrug ta' permess sabiex issir tiswija fuq il-hajt tal-impjant. Inoltre, il-fatt li dan l-impjant inxtara minghand kumpannija ohra li skond il-konvenut Victor Hili obbligat ruhha li ggib il-permessi sabiex isir ix-xoghol[16], ma jfissirx b'daqshekk li l-akkwirenti l-godda ma kellhom ebda responsabbilta'. Id-diretturi tal-kumpannija bhala l-amministraturi taghha kellhom jaraw li s-sid tal-impjant (cjoe' l-kumpannija li taghha huma diretturi) taghmel it-tiswija bla dewmien, iktar u iktar meta jirrizulta l-istat perikolanti li kien fih il-hajt in kwistjoni. Il-konvenut Michael Grima xehed li *"sa minn Awissu 1994, din is-socjeta' bdiet topera minn factory f'sit imdaqqas fi Triq iz-Zebbug, Rabat, Ghawdex"*[17], igifieri l-lok fejn sehh l-incident. Jirrizulta bl-iktar mod car li l-impjant kien taghti l-kontroll tal-kumpannija konvenuta. Mix-xhieda stess ta' Victor Hili u Michael Grima jirrizulta bla ebda dubju li dak li gara seta' jigi mhux biss ragonevolment, imma facilment prevedut f'kull zmien. Hija haga fil-prevedibilita' l-aktar ordinarja li hajt li jinsab f'dak l-istat ser jiggarraf minn

[14] Ara per ezempju sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta vs Vella Group Limited et** deciza fit-8 ta' Gunju 2006.
[15] Fol. 81.
[16] Ara xhieda ta' Victor Hili moghtija fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2005 (fol. 76 u 77).
[17] Fol. 72.

mument ghall-iehor. Il-konvenuti stess ikkonfermaw f'liema stat hazin kien il-hajt in kwistjoni. Mill-provi lanqas ma rrizulta li s-sar xi rapport lill-Korporazzjoni attrici biex jitnehha dan il-cable minhabba l-istat hazin tal-hajt u wisq anqas ma jirrizulta li ttiehdu xi prekawzjonijiet temporanji sabiex sakemm isir ix-xoghol jigi evitat incident simili ghal dak li gara li seta' kellu konsegwenzi gravi hafna. Certament li mill-provi ma rrizultax li dan kien xi kaz fortuwitu u li l-akkadut ma kienx prevedibbli[18]. Dak li gara sehh minhabba nuqqas ta' tehid ta' attijiet preventivi, adegwati u opportuni sabiex jigi skongurat l-incident li seta' kellu konsegwenzi gravi hafna. Tant hu hekk li mument wara li ggarraf il-hajt l-ewwel hsieb li ghadda minn ras Michael Grima kien li ntradam xi hadd taht il-hajt imgarraf u li seta' nzerta kien ghaddej minn hdejn dan il-hajt. Ir-rejazzjoni istintiva tieghu kienet li jmur jigri u jara jekk weggax xi hadd. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li Victor Hili huwa responsabbli in kwantu fil-vesti tieghu naqas milli jagixxi bhala *bonus pater familias* fl-ezekuzzjoni tad-doveri tieghu bhala direttur tal-kumpannija u jassigura li jsiru x-xogholijiet mehtiega fuq il-hajt in kwistjoni[19]. Bhala direttur ma setax ifarfar ir-responsabbilta' tieghu u jibbaza ruhu fuq l-iskuza li kellhom ftehim mal-kumpannija venditrici li x-xoghol ta' tiswija jsir minn din tal-ahhar. Bhala direttur tal-kumpannija proprjetarja tal-impjant li hu nvolut fl-amministrazzjoni u l-gestjoni tal-negozju, kellu wkoll l-obbligu li jara li l-perikli jitnehhew. Zgur ma jistax jinghad li fil-konfront tat-terz l-agir ta' dan id-direttur kien wiehed wiehed prudenti u ta' *bonus pater familias*. Mhi l-ebda skuza ghall-konvenut li jipprova jiskolpa ruhu billi jsostni li t-tiswija kellha ssir mill-kumpannija li minghandha nxtrat il-plant u li kienu qeghdin jistennew hrug ta' permessi ta' zvilupp (fatt li fil-fehma tal-Qorti ma nghatatx prova sodisfacenti tieghu). Victor Hili kien jaf bil-periklu u minflok irrimedja sollecitament sabiex jitnehha kull periklu, ghazel li jaghlaq ghajnejh minkejja l-kien jaf bil-periklu imminenti

---

[18] *"quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenza della propria azione od ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto"* (**Kollez. Vol. XXIV pi p172**).
[19] Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civil:- *"Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja"*.

u anzi mill-provi rrizulta li halla ghal snin shah dan il-periklu u wera negligenza fil-harsien tas-sigurta' ta' haddiehor. Dan iktar u iktar meta *ex admissis* xehed li qoxra tal-hajt kienet *"kienet kollha mikula mill-melh"*[20] u sahansitra iddikjara wkoll ***"Il-hajt, l-istat tal-hajt kien jidher minn kullhadd li huwa mikul bil-melh u se jaqa' jigifieri"***[21]. Il-konvenut Victor Hili bhala direttur tal-kumpannija konvenuta kellu kull awtorita' sabiex jassigura li jitnehha l-periklu li kien hemm, pero' baqa' passiv. Bhala direttur huwa parti minn dak li jissejjah bhala *corporate governance* tal-kumpannija u fl-ahhar mill-ahhar jezercita influwenza fuqha.

13. Il-Qorti hija tal-fehma li ghal dan il-kaz hi applikabli n-norma li nsibu fl-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili (Kap. 16) in kwantu fuqha hija bbazata s-sistema ta' responsabbilta' akwiljana u tipprovdi li l-lezjoni tad-dritt tal-persuna tobbliga lill-awtur ta' dik il-lezjoni ghar-rizarciment tal-konsegwenzi li kkrejaw danni lill-haddiehor. Fil-kaz odjern irrizulta li kien hemm kondotta omissiva da parti tal-konvenut Victor Hili in kwantu bhala direttur tal-kumpannija konvenuta naqas milli jiehu kura adegwata li s-sitwazzjoni kienet titlob u tesigi ghat-tutela tad-drittijiet ta' haddiehor. Kondotta li tohloq rapport ta' kawzalita' ma' l-event dannuz.

14. Hemm ukoll il-kwistjoni pero' jekk il-Korporazzjoni Enemalta kkontribwitx ghal din il-hsara meta poggiet dan il-cable fuq il-hajt. Ghalkemm fl-atti processwali ma tressqux provi dwar x'kien l-istat preciz tal-hajt meta twahhal il-cable (circa 1991), il-Qorti qeghda tifhem li l-hajt kien diga' fi stat prekarju mehud in konsiderazzjoni li fl-1994 kien diga' fi stat hazin hafna u l-provi anzi juri li kien fi stat perikoluz. Bla dubju l-hajt ma spiccax f'dan l-istat mil-lum ghal ghada u zgur li ha perjodu ta' snin twal sakemm iggarraf. Fil-fatt ix-xhud Saviour Vella meta kien qieghed jixhed kif inghata d-dawl fil-proprjeta' tieghu u kif il-Korporazzjoni attrici ghaddiet dan il-cable minn fuq il-hajt, xehed li l-hajt kien wiehed antik u *"kien kollu melh"*[22].

[20] Fol. 80.
[21] Fol. 78.
[22] Fol. 93.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tara li hemm kontributorjeta' min-naha tal-Korporazzjoni meta poggiet cable fuq hajt li kien jidher li m'huwiex fi stat affidabbli. Kif wisq tajjeb osserva Lord Denning MR:- ***"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself"***[23]. Ghalhekk il-Korporazzjoni attrici ghandha ggor parti mir-responsabbilta' ghall-hsara li garrab il-cable gialadarba jirrizulta li tqieghed fuq hajt li kien diga' jidher li ghamel zmienu u li ma kienx affidabbli. Il-Qorti ser tiddikjara li l-Korporazzjoni attrici hija responsabbli ghal kwart (1/4) mid-danni li sofriet.

15. Dwar l-ammont tad-danni reklamati mill-Korporazzjoni attrici, il-Qorti taqbel mal-argument tal-konvenuti li dan huwa ezagerat[24]. Il-Korporazzjoni attrici qeghda titlob il-hlas ta' tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm885.63)[25]. Jidher bic-car li f'dan l-ammont hemm inkluz spejjez relatati ma' tqeghid ta' arbli tad-dawl (per ezempju skond rendikont li jinsab ezebit a fol. 49, is-somma ta' Lm197.80 qieghed jintalab ghal *"poles galv"*), meta mill-provi rrizulta li qabel sehh l-incident il-cable kien ghaddej minn fuq il-wicc tal-hajt u ma kienx hemm arbli tad-dawl. L-iskop ta' rizarciment tad-danni huwa li kemm jista' jkun id-danneggjat jerga' jitqieghed fil-posizzjoni li kien qabel ma sehh l-akkadut. Fic-cirkostanzi l-Qorti qeghda tirrevedi l-ammont ta' danni ghas-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltija (Lm550).

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddecidi l-kawza billi:-

---

[23] **Froom vs Butcher** (1976) li saret riferenza ghaliha fil-ktieb *The Modern Law of Negligence,* R.A. Buckley (Butterworths, 1993) pagna 66.
[24] Fol. 109-110.
[25] Fol. 49.

(1) Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront ta' Michael Grima u Victor Hili filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront ta' Road Construction Limited.

(2) Tilqa' l-ewwel talba tal-Korporazzjoni attrici limitament fil-konfront tal-konvenut Victor Hili b'dan li tiddikjara li huwa responsabbli biss ghal tlett kwarti mid-danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici, filwaqt li tilqa' t-tieni ecccezzjoni in kwantu din tirreferi ghall-konvenut Michael Grima.

(3) Tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltija (Lm550).

(4) Tikkundanna lil Victor Hili sabiex ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' erbgha mija u tnax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm412.50), cjoe' tlett kwarti (3/4) mid-danni nkorsi mill-Korporazzjoni attrici.

Spejjez fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jkunu a karigu tal-konvenuti Michael Grima u Victor Hili hlief ghall-ispejjez ta' Road Construction Ltd li jkunu a karigu tal-Korporazzjoni attrici. Spejjez fuq il-meritu jinqasmu in kwantu ghal twlett kwarti (3/4) a karigu ta' Victor Hili u kwart (1/4) a karigu tal-Korporazzjoni attrici, filwaqt li l-ispejjez ta' Michael Grima huma kollha a karigu tal-Korporazzjoni attrici.

Bl-imghax li ghandu jibda jiddekorri mil-lum[26].

(ft.) Anthony Ellul
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

[26] Ara sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef P. Sciberras) fil-kawza fl-ismijiet **Simon Spiteri vs Lawrence Farrugia** deciza fis-27 ta' Gunju 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------